

Iċ-ċittadini huma l-pedament tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa



Il-laqgħat taċ-ċittadini u ż-żgħażaġh għandhom jistabbilixxu t-ton għar-riforma tal-UE, skont ir-risoluzzjoni adottata l-Erbgħa

- Agoras Tematiċi li jinvolvu ċ-ċittadini ta' kull xejra minn madwar l-Ewropa
- Riforma tal-UE permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq, trasparenti, inklużiv, parteċipattiv u bilanċjat.
- Jista' jkun meħtieġ li jsiru bidliet fit-trattat u għandu jitwaqqaf mekkaniżmu permanenti għall-parteeipazzjoni taċ-ċittadini f'dan

Laqgħat taċ-ċittadini u żgħażaġh għandhom jistabbilixxu t-ton għar-riforma tal-UE, skont ir-risoluzzjoni adottata nhar l-Erbgħa.

Wara dibattitu ma' Dubravka Šuica, Viċi President tal-Kummissjoni għad-Demokrazija u għad-Demografija u Nikolamina Brnjac, li tirrappreżenta l-Presidenza Kroata tal-Kunsill, il-Parlament

adotta riżoluzzjoni b'494 vot favur, 147 kontra u 49 astensjoni, li tistabbilixxi l-viżjoni tiegħu għall-Konferenza li jmiss dwar il-Futur tal-Ewropa

Iċ-ċittadini fil-qofol tad-dibattitu

L-MPE jridu li iċ-ċittadini jkunu fil-qalba tad-diskussjonijiet wesgħin dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-isfidi interni u esterni li ma kinux previsti fiż-żmien tat-Trattat ta' Lisbona. Persuni minn kull sfond, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom jiġu involuti fl-istabbiliment tal-prijoritajiet tal-UE, b'rispett għat-tħassib taċ-ċittadini, f'approċċ minn isfel għal fuq, trasparenti, inklużiv, parteċipattiv u bilanċjat sew.

Il-Parlament jipproponi li jiġu stabbiliti diversi Agoras taċ-Ċittadini (fora tematiċi tar-rappreżentanti taċ-ċittadini magħżula bl-addoċċ f'konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u r-rappreżentazzjoni), u mill-inqas żewġ Agoras taż-Żgħażaġħ, li kull wieħed minnhom ikun jinkludi 200–300 ċittadin b'minimu ta' tlieta għal kull stat membru. Ir-rappreżentanti taċ-ċittadini mbagħad jiddiskutu l-konklużjonijiet tal-Agora fil-Plenarja tal-Konferenza mal-MPE u r-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali, il-ministri tal-Kunsill, il-Viċi Presidenti tal-Kummissjoni u rappreżentanti ta' istituzzjonijiet, korpi u sħab soċjali oħra tal-UE.

Ir-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE

Minbarra l-appoġġ ta' livell għoli mill-presidenti tat-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE, il-Parlament iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jimpenjaw ruħhom favur il-possibbiltà ta' bidla fit-trattat. It-test adottat jenfasizza wkoll li għandu jiġi kkunsidrat mekkaniżmu permanenti biex jiġu involuti iċ-ċittadini.

Il-President tal-Parlament, David Sassoli, iddikjara fil-bidu tad-dibattitu li “jeħtieġ li nirrivedu l-mekkaniżmi kollha ta' governanza demokratika wara l-elezzjonijiet Ewropej. Dan għandu jsir flimkien mal-istituzzjonijiet nazzjonali u bl-involviment taċ-ċittadini tal-UE. Qiegħdin nibdew żmien importanti ieħor ta' rif'rimi.”

Il-passi li jmiss

Il-Parlament huwa l-ewwel fost it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE li adotta pożizzjoni dwar l-istruttura u l-ambitu tal-Konferenza li jmiss. In-negozjati mal-Kummissjoni u l-Kunsill Ewropew għandhom jiġu konklużi fil-ħin biex il-Konferenza titnieda f'Jum l-Ewropa 2020 (fid- 9 ta' Mejju) u tiġi konkluża fis-sajf 2022.

Sfond

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti s-sejbiet tal-istħarriġ l-aktar reċenti. Fil-[Parlemeter](#) ta' Settembru 2019, iċ-ċittadini Ewropej komplew jappoġġaw rwol aktar importanti għall-Parlament, filwaqt li d-data mill-Ewrobarometru Standard [tal-Kummissjoni \(Novembru 2019, Tabella 102\)](#) turi li 83 % ta' daww li wieġbu jixtiequ li leħen “iċ-ċittadini tal-UE” jiġi kkunsidrat aktar fid-

deċiżjonijiet dwar il-futur tal-Ewropa”.

Għal aktar informazzjoni

[Tappi fil-proċedura](#)

[It-test adottat \(15.01.2020\)](#)

[Reġistrazzjoni tad-dibattitu \(15.01.2020\)](#)

[It-tnejn tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa \(03-12-2019\)](#)

[Materjal awdjo-viżiv b'xejn](#)

Kuntatti

Kyriakos KLOSIDIS

Press Officer

☎ (+32) 2 28 32357 (BXL)

☎ (+33) 3 881 74651 (STR)

📱 (+32) 470 96 47 35

✉ kyriakos.klosidis@europarl.europa.eu

John SCHRANZ

Press Officer

☎ (+32) 2 28 44264 (BXL)

☎ (+33) 3 881 74076 (STR)

📱 (+32) 498 98 14 02

✉ john.schranz@europarl.europa.eu
